25 ta' Jannar, 1954.

Imhallef :
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Gio Maria Chircop *versus* Rosario Mifsud ed.

**Azzjoni Pawljana — Elementi — Frodi tat-Terz — Art. 1187 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni revokatorja, jew pawljana, hija mogħtija lill-kredituri f'isimhom biex jattakkaw l-attijiet magħmula b'qerq mid-debituri tagħhom bi ħsara tad-drittijiet tagħhom. Elementi essenzjali għall-eżistenza ta' din l-azzjoni huma l-kreditu, il-frodi tad-debitur, u anki tat-terz akkwirent b'titolu oneruż, u l-ħsara jew dannu tal-kreditur.*

*Għalhekk din l-azzjoni ma tistax issehh jekk ma jkunx hemm il-frodi tad-debitur, u jekk, meta l-att huwa oneruż, il-frodi ma tirriżultax anki min-naħa tat-terz kontraent.*

*Imma ma jistax jingħad li hemm din il-frodi meta l-att impunjat ikun sar bil-kunsens tal-kreditur, jekk dan il-kunsens tiegħu jkun gie mogħti bla żball, bla vjolenza, u mingħajr id-dolo tad-debitur.*

*Bi frodi tat-terz akkwirent għandu jiftiehem in-notizzja li dan kellu ta' l-istat tad-debitur, jiġifieri x-xjenza li d-debitur, bl-att li kien sejjer jagħmel, kien ser jirreka dannu lill-kreditur, sija billi d-debitur jirrendi ruħu insolvibili, sija billi jiżdied din l-insolvenza.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'kuntratt publikat minn Nutar Philip Saliba fil-25 ta' Ottubru 1950, il-konvenut Mifsud biegħ lill-konvenut l-ieħor Carmelo Cutajar għalqa "Ta Żigu", fil-kuntrada

ta' Wied il-Hesu fil-limiti ta' Haż-Żebbuġ, tal-kejl superfiċjali ta' żewġ tomniet u ħames sigħan, tmiss mit-tramuntana ma' beni tal-familja ta' l-Ispettur tal-Pulizija Loreto Bonniċi, mill-punent in parti ma' beni ta' Giuseppe Micallef u in parti ta' beni ta' Giacomo Cilia, mil-lbiċ ma' sqaq, u mill-lvant in parti ma' beni ta' Giuseppe Buttigieg u in parti ma' beni ta' Carmelo Zammit Gauci, bil-prezz ta' £20 li ġew imħallsa fuq l-att (dok. A); u illi dan il-bejgħ sar in frodi, da parti taż-żewġ kontraenti, tal-kreditu ta' £5. 5. 11 li huwa għandu kontra l-konvenut Mifsud għall-ispejjeż tal-kawża ċeduta quddiem din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru 1950 fl-ismijiet "Gio Maria Chircop vs. Rosario Mifsud", u dan għaliex iż-żewġ kontraenti kienu avżati minnu biex ma jgħaddux għall-kuntratt qabel ma jitħallas il-kreditu tiegħu (dok. B u C); talab illi, wara li jiġu premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-kuntratt tal-bejgħ tal-għalqa "Ta' Żigu" fuq deskritta, publikat minn Nutar Philip Saliba fil-25 ta' Ottubru 1950, jiġi rexiss u dikjarat null u mingħajr effett minn din il-Qorti għar-raġunijiet fuq esposti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-10 ta' Novembru 1952, kontra l-konvenuti, li ġew imbarrka għas-subizzjoni;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-attur jippretendi illi huwa kien għamel kawża lill-konvenut Mifsud biex dan jerfa' s-selħat tal-għalqa tiegħu u jirriżarċilu d-danni kaġunati minnu fil-għalqa tiegħu (ta' l-attur);

Illi din il-kawża ġiet transatta quddiem din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru 1950, fis-sens li dak il-konvenut kellu jibni dawk is-selħat fil-ħajt u jħallas l-ispejjeż tal-kawża; li in vista ta' dik it-transazzjoni ġiet ċeduta minnu;

Illi l-imsemmi konvenut ma ħallsux l-ispejjeż inkorsi minnu f'dik il-kawża, ammontanti għal £5. 5. 11, għalkemm huwa kien qallu diversi drabi biex iħallashomlu;

Illi l-istess konvenut kellu għalqa, imsemmija fiċ-ċitazzjoni, li ried ibiegħha; u billi huwa kien jaf illi minbarra dik l-għalqa dak il-konvenut ma kellux ħaġa oħra minn fejn iħallsu ta' dawk l-ispejjeż, meta sar jaf illi l-konvenut Cutajar kien sejjer jixtri dik l-għalqa huwa mar u sabu, u qallu biex ma jixtrix dik l-għalqa. għaliex huwa kellu l-imsemmi kreditu kontra l-konvenut Mifsud;

Illi huwa sa anki wera b'din iċ-ċirkustanza lis-sensal inkarigat b'dak in-negozju, kif ukoll lin-Nutar Saliba li kellu jippublika l-att, u wriħom bl-oppożizzjoni tiegħu anki x'ħin iltaqgħu biex isir il-kuntratt relativ tal-bejgħ għall-istess kuntratt;

Illi b'dana kollu l-konvenuti għaddew għal dak il-kuntratt mingħajr ma huwa ġie mħallas għall-kreditu tiegħu, u illi għalhekk dak il-kuntratt sar mill-konvenuti bi frodi ta' l-imsemmi kreditu għal dawk l-ispejjeż tal-kawża:

Illi l-azzjoni intentata mill-attur hi dik revokatorja jew pawljana, li hi mogħtija lill-kredituri, f'isimhom, biex jattakkaw l-attijiet magħmula b'qerq mid-debituri tagħhom bi ħsara tad-drittijiet tagħhom (art. 1187 (1) Kodiċi Ċivili). L-elementi essenzjali għall-eżistenza ta' din l-azzjoni huma: il-kreditu; il-frodi tad-debitur, u anki tat-terz akkwirent b'titolu oneruż; u l-ħsara jew dannu tal-kreditur;

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti;

Illi l-ewwel element ta' din l-azzjoni, kif intqal, huwa l-kreditu. L-azzjoni pawljana hi akkordata biss lill-"kredituri" (Vol. XXVIII—II—559; III—1121); u biex wieħed ikun kreditur jeħtieġ li jkollu kreditu (Giorgi, Obbligaz. Vol. II, para. 263). Bl-eċċezzjoni msemmija l-konvenuti jiċħdu illi l-attur hu kreditur tal-konvenut Mifsud. Din l-eċċezzjoni ma hix sostenibili. Tabilħaqq, mid-dokument fil-fol. 9 tal-proċess jidher ċar illi l-konvenut Mifsud, bit-transazzjoni magħmula fil-kawża fuq imsemmija fiċ-ċitazzjoni, obliga ruħu illi jħallas l-ispejjeż ta' l-istess kawża, jiġifieri l-ispejjeż kollha ta' dik il-kawża. Tant hu hekk, illi l-istess konvenut Mifsud, miġjub bħala xhud mill-attur, fir-rieżami tiegħu qal (fol. 58 tergo) illi l-avukat tiegħu għal dik il-kawża ħallsu huwa........ L-ispejjeż ta' l-attur f'dik il-kawża jilħqu £5. 5. 11 (dok. fol.

8); u għalhekk huwa hu kreditur tal-konvenut Mifsud f'din is-somma;

Ikkunsidrat;

Illi l-elementi meħtieġa biex il-kreditur ikun jista' jeżerċita din l-azzjoni huma tnejn: l-"eventus damni" lill-kreditur domandant, li bih id-debitur, per mezz ta' l-att tat-trasferiment impunjat, isir insolventi, jew almenu l-pożizzjoni tiegħu ssir agħar minn dik li kienet qabel dak l-att — u l-"consilium fraudis", jew l-invenzjoni minn naħa tad-debitur li jiddanneġġja l-kreditur tiegħu, u, meta jkun jittratta minn att b'titolu oneruż, anki l-kompliċità tat-terz kontraent — "fraudis non ignorantia ex parte tertii";

Illi fil-ħsieb ta' dina l-Qorti l-azzjoni intentata mill-attur mhix sostenibili, għaliex ma jikkonkorrix fiha t-tieni element meħtieġ għal din l-azzjoni. U tabilħaqq:—

1. Hi regola illi din l-azzjoni ma tistax isseħħ jekk ma jkunx hemm il-frodi tad-debitur — "quae fraudationis causa gesta erunt" (L. 1, fr. 10, 15 D). U meta jkun jittratta minn att b'titolu oneruż, bħal fil-każ taħt eżami, din il-frodi trid tirriżulta minn naħa taż-żewġ kontraenti. Evidentement ma jkunx hemm din il-frodi meta dawn il-kontraenti jagħmlu l-att bil-kunsens tal-kreditur; għaliex jekk dana, għal xi raġuni jew oħra, jippermet lilhom illi jagħmlu l-att, huwa ma jkunx jista' jilmenta illi dak l-att ikun sar bi frodi għall-kreditu tiegħu. Il-konkors tal-frodi jibqa' eskluż mill-kunsens li l-kreditur ikun ippresta għall-att; kif preċiżament igħid Ulpiano, "nemo videtur fraudare eos qui sciunt et consentiunt" (L. 6 § 9, D). Dan naturalment meta l-kunsens tal-kreditur ikun ġie mogħti bla żball, bla vjolenza u mingħajr dolo tad-debitur (Giorgi, ib. para. 277). Issa, fil-każ taħt eżami, jirriżulta illi l-attur, wara li huwa kien għall-ewwel insista mal-konvenuti u anki man-nutar, qabel ma sar il-kuntratt tal-bejgħ, biex dak il-kuntratt ma jsirx, spiċċa biex ippermettielhom illi jagħmluh; u dan għaliex, kif jidher, huma, jew xi ħadd minnhom, ippromettewlu illi kellhom iħallsuh. Dina ċ-ċirkustanza tirriżulta (a) mid-dikjarazzjoni............. huwa ppermetta illi dak il-kuntratt isir, jiġi illi l-istess att sar bil-kunsens ta' l-attur, li ma ppruvax illi ta dak il-kunsens bi

żball, jew illi tah bi vjolenza jew dolo ta' xi hadd mill-konvenuti;

2. Kif inghad, fil-każ taht eżami, il-kuntratt kien b'titolu oneruż, u ghalhekk jehtieg il-prova tal-frodi anki minn naha tal-konvenut Cutajar, jigifieri l-komplicità tieghu ga msemmija — "fraudis non ignorantia ex parte tertii". Bi frodi tat-terz akkwirent ghandu jiftiehem in-notizja li dan kellu ta' l-istat tad-debitur, jigifieri x-xjenza li d-debitur, bl-att li kien sejjer jaghmel, kien sejjer jarreka dannu lill-kreditur, sija billi jirrendi ruhu insolventi, sija billi jżid dik l-insolvenza (Giorgi, ib. para. 295). L-attur bl-ebda mod ma pprova illi l-konvenut Cutajar kien jaf bl-istat finanzjarju tal-konvenut Mifsud..............; u ghalhekk il-konvenut Cutajar ma jistax jinghad illi kien komplici mal-konvenut Mifsud. U l-attur qatt ma imputa frodi lill-konvenut Cutajar, almenu sa qabel ma intenta din il-kawża. Tant hu hekk, illi.............. Ghalhekk, anki jekk qatt l-attur ta l-kunsens tieghu ghall-kuntratt minhabba dolo tal-konvenut Mifsud, jibqa' dejjem illi ma kienx hemm frodi da parti tal-konvenut Cutajar; b mod illi jonqos it-tieni rekwiżit ghal din l-azzjoni:

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddecidi billi tirrespingi l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra taghhom; u tirrespingi t-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tieghu;

Tibqa' riżervata lill-istess attur kwalunkwe azzjoni ohra, "si et quatenus", kontra l-konvenut Mifsud, biex huwa jithallas tal-kreditu tieghu.